# L-Avukat ta' bla Sabar

(Maqlub mill-"Outre Mer" ta' H. W. Longfellow)

Avukat Franċiż kellu jidher darba malajr ħdejn is-sodda ta' wieħed mix-xjuħ sħabu, li kien qiegħed imut, sabiex jagħmillu l-aħħar testment.

L-avukat, bniedem ta' bla sabar, wasal fil-ħin sewwa għax bilkemm laħaq kien iffirmat it-testment li l-minġel qerriedi tal-mewt ma laħaqx ħasad darba għal dejjem lill-miġugħ.

Sa dal-ħin l-avukat qagħad gods imlibbet bil-biża' ħdejn in-nar. Kien mibluh bid-dehra ta' quddiemu u fl-istess ħin beda jitħabat bejnu u bejn ruħu biex ma jitlifx il-ħila . . . Diġa' kien għamel bih il-biża', u l-ħsieb li rikeb il-marda għaddielu minn moħħu. Sabiex ineħħi kull ħsieb ħażin xegħel il-pipa u beda jhejji biex jitlaq għad-dar.

Sew sew f'dak il-ħin it-tabib dar lejh u qallu: "Dan hu żmien tal-biża'! Milli jidher il-marda qed tinfirex."

"X'marda?" saqsa mgħaġġeb l-avukat.

"Tnejn mietu l-bieraħ, u tlieta oħra llum," issokta jgħid it-tabib mingħajr ma jwieġeb għall-mistoqsija. "Żmien tabilħaqq ħażin, sur avukat."

"Iżda x'marda hi din li qerdet lil sieħbi hekk malajr?"

"X'marda? Skarlatina, biex tkun taf."

"Tittieħed ?"

"Tabilħaqq !"

"Mela issa jien bniedem mejjet!" wieġeb l-avukat, fil-waqt li qiegħed il-pipa fil-but tas-sidrija, u kollu mgħaddab beda jimxi 'l hemm u 'l hawn fil-kamra, "Jien mejjet! Tqarraqx bija issa ħabib; x'tibda tħoss għall-ewwel?"

"Ħruq u wġigħ kbir in-naħa tal-ġenb," wieġeb it-tabib.

"O, kemm kont ibleh li ġejt hawn!"

Għalxejn il-qaddej u t-tabib tħabtu biex isabbruh; huwa kien barra minn sessih u wieġeb illi hu waħdu u ħadd ħliefu ma kien jaf x'qiegħed iħoss. Għalhekk mingħajr telf ta' żmien ried jitlaq lejn daru.

B'xorti ħażina, il-vagun li ġie bih kien ġa telaq lejn il-belt

u kulħadd kien rieqed. X'kellu jagħmel? Xejn ħlief li jieħu ż-żiemel tat-tabib li kien marbut barra.

Għalhekk, billi ma setax jagħmel ieħor, l-avukat rikeb iż-żiemel u telaq lejn daru. Kienet lejla kiesħa u r-riħ kien jonfoħ ġmielu. Is-sema kien mgħobbi bi sħab jiġġerra u bejnu l-qamar kien jidher jirrolja bħal qoxra ta' dgħajsa fil-baħar—daqqa kien jinħeba bejn is-sħab u daqqa kien ifiġġ ġismu minn lewn il-fidda.

Il-ħoss tas-siġar ta' ma' tul it-triq kien donnu beda jħabbar xi ħsara; u l-avukat tagħna kien għad baqagħlu tliet mîli ġmielhom li fihom ma setax jobsor x'għad irid iġarrab. Għad-daqqiet tal-frosta ż-żiemel beda jiġri bħal maħrub u l-avukat kollu biża' kompla għamel ħiltu bħallikieku l-pesta kienet qed tiġri biex tilħqu.

B'tant tisfir, għajjat u swat 'l hemm u 'l hawn fuq iż-żiemel, wieħed mit-tliet mîli tal-biża' kien lest. Il-biża' beda jonqos xi ftit iżda dehxa kbira fil-pront waqgħet fuq il-ħabib tagħna meta ħass ugigħ kbir fuq ġenbu li kien donnu xi tniggiża sewwa ta' labra.

"Laħqitni fl-aħħar!" tniehed imbażża' l-avukat, "fuq kollox għax għandi mmut ġo foss? Uff, suq—immexxu!"

B'ħeffa kbira u qtigħ in-nifs mexxa ż-żiemel. Għal kull qabża l-uġigħ ta' fuq ġenbu beda iktar jinħass. Għall-ewwel kienet tinħass nigża daqs ta' labra—imbagħad l-uġigħ infirex daqs dawra ta' biċċa ta' sitt soldi u sa fl-aħħar sar daqs pala ta' id. Kien tabilħaqq magħfus. L-imsejken raġel beda jokrob bħal wieħed fl-aħħar ħinijiet ta' ħajtu. Iżda b'ħeffa liema bħalha ż-żiemel beda jaqsam it-triq imreżżħa—u iktar u iktar l-uġigħ ta' fuq ġenb ħabibna beda jiżdied.

Biex tkompli tagħqad, bdiet maltempata ta' xita u borra. Iżda x-xita u l-borra u l-ksieħ ma kienu xejn għalih, għax għad li dirgħajh u saqajh kienu nġazzati huwa ma bediex iħosshom. Il-marda tal-biża' kienet fuqu; huwa ma setax jeħles mill-mewt—mhux mewt tal-kesħa iżda ta' l-iskarlatina.

Sa fl-aħħar mingħajr ma jaf kif, għax aktar mejjet milli ħaj, wasal fil-belt. Kif raw l-avukat għaddej, qabda klieb li kienu jiġġerrew fit-toroq issieħbu mal-krib tal-miġugħ b'inbiħ u b'għajjat. Kien wara nofs il-lejl u ftit li xejn kont ta' kultant tara xi lampa tnemnem.

Iżda sa fl-aħħar wara ħafna qsim tat-toroq l-avukat wasal f'biebu. Kien hemm xaqq ta' dawl fil-kamra tas-sodda ta' martu. Għat-taħbit ta' ħin bħal dan l-imsejkna mara feġġet imbażża' fit-tieqa.

"Iftaħli! Iftaħli! Isa! Malajr!" huwa wieġeb, b'nifs maqtugħ bil-għeja u bil-biża'.

"Min int, biex ġejt tagħti fastidju lil mara weħidha f'dawn il-ħinijiet?" għajjat leħen jaqta' minn fuq. "Isa mur għal xogħlok, u ħalli n-nies tal-galbu jorqdu".

"U għaġġel! Malajr! Inżel iftaħli! Jien żewġek. Ma tagħrafx leħni? Għaġġel nitolbok, għax sa mmut hawn barra."

Wara ftit dewmien il-bieb infetaħ. L-avukat kollu safrani, ħosbien, iebes u dritt bħal xi fatat, daħal ġol-kamra. Minn rasu sa saqajh kien miksi bil-borra u kif id-dawl tal-lampa feġġ fuqu kien donnu xi kavalier liebes l-azzar. Iżda l-imsejken kavalier tagħna kien miġruħ. Fuq ġenbu kellu dawra tonda, sewda u kbira daqs il-qorriegħa ta' rasna.

"Għażiża marti," huwa tennielha bi ħniena li qatt ma kien urieha bħalha, "newwilli siġġu, għamiltu żmieni. Issa stess sejjer immut!"

Imdehxa għal dan il-kliem martu neżżgħetlu s-sidrija. Xi ħaġa waqgħet fl-art u saret bċejjeċ. Kienet il-pipa ta' l-avukat! Huwa qiegħed idu fuq ġenbu, iżda msejken, qabad il-laħam! Għlekk, sidrija u nforra kienu maħruqin u f'ġenb l-avukat kien hemm nuffata kbira ġmielha.

Il-misterju tal-marda malajr inkixef. L-avukat kien poġġa l-pipa fil-but mingħajr ma kien tfieha.

L-Isla.

KARMENU ŻERAFA.